**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**Laqgħa Numru 18/16(03_05_16).**

Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta, 3 ta' Mejju 2016, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku.
Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier.
Is-Sinjorina Sonja Abela - Kunsillier.

Is-Sinjorina Maria Masini - Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużati kien hemm is-Sur Robert Mallia - Viċi Sindku li informa lis-Segretarju Eżekuttiv li kien ma jiflaħx u s-Sur Damien Spiteri - Kunsillier.

Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fis-27 ta' April 2016.

1. Ftehim ma' Green MT dwar Skart Riċiklat.
2. Festa ta' San Pawl Nawfragu 2016.
3. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
4. Rapport tas-Sindku.
5. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
6. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
7. Materji oħra.

**1.00 Ftehim ma' Green MT dwar Skart Riċiklat.**

1.01 Dan l-*item* se jiġi maqbuż minħabba li membru ma jistax idum ħafna u jekk joħroġ mil-laqgħa ma jkunx hemm *quorum*.

**2.00 Festa ta' San Pawl Nawfragu 2016.**

2.01 Bħalma ġara fis-snin l-imgħoddija, il-Kunsill se jorganizza xi attivitajiet flimkien mal-għaqdiet tal-parroċċa fil-ġimgħa li fiha tiġi ċċelebrata l-festa tar-raħal.

Il-Kunsill ser joffri servizz ta' *live streaming* għal dawk li ma jistgħux jingħaqdu fiżikament mal-komunità parrokkjali għall-funzjonijiet li ser isiru fil-knisja u attivitajiet fil-pjazza matul il-jiem tal-Festa 2016. Il-ġranet ser ikunu mit-23 sad-29 ta' Mejju 2016. Dan il-*live streaming* ser ikun aċċessat mill-*website* uffiċjali tal-Kunsill. L-istima għal dan is-servizz hi ta' €354.00. *Prostage Sound* ser jipprovdi s-*sound* għas-Sibt, 28 ta' Mejju 2016 quddiem iċ-Ċentru Parrokkjali u fil-Pjazza tal-Knisja għas-somma ta' €700.00. L-*entertainment* għas-serata tal-Ħamis ser ikun f'idejn *Jump Malta* għas-somma ta' €260 u l-kantanta Sarah Bonnici għas-somma ta' €220.00. Is-*sound system* għas-serata tal-Ħamis u l-Ġimgħa ser ikun ipprovdut minn *2cee Media Group* għas-somma ta' €250.00.

Il-Kumpanija Micho Lighting ser jipprovdu d-dwal għas-serata tal-Ħamis, il-Ġimgħa u s-Sibt. Għas-Sibt ser tipprovdi l-*projections* għal quddiem iċ-Ċentru Parrokkjali. Il-ħlas ser ikun ta' €1,145.00.

Il-Kunsill ser jordna *feature* fuq il-Parroċċa mingħand *CVC media* għas-somma ta' €354.00. Il-Kunsill ser jikri żewġ *mobile toilets* għal waqt il-ġranet tal-Festa u ser iħallas is-somma ta' €284.00.

Il-Kunsill ser jorganizza Serata Pawlina fil-Knisja. Din ser tiswa €500.00.

L-attivitajiet se jibdew billi tiġi organizzata *Sports Day* nhar it-Tnejn, 23 ta' Mejju 2016. Din ser issir fil-*ground* taċ-Ċentru Parrokkjali. Il-Kunsill ser iħallas €236.

L-*Entertainment* għas-serata tal-Ġimgħa, 27 ta' Mejju 2016 ser ikun f'idejn *D Capital's Band* għas-somma ta' €600.

Matul dawn il-ġranet il-Kunsill ser jipprovdi s-servizz ta' vettura *cherry picker* li hu stmat li se tintefaq is-somma ta' €1,000.

**3.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-lokalità.**

3.01 Saret żabra tal-palm tal-*Parking* tax-Xlendi u nstab li palma minnhom mietet. Sar *patching* fix-Xlendi kollu u sar *patching* f'xi toroq fil-Munxar. Ser jinxtara aktar materjal sabiex jitkomplew it-toroq li għad fadal.

Twaħħlu għoxrin lampa fil-Munxar u ix-Xlendi. Dawn ser jiġu ffinanzjati mill-programm tal-EU.

F'nofs Marzu 2016, il-Kunsill ingħata ħaddiem mill-iskema *Community Work Scheme*. Dan ser ikun *full-time* u ser jieħu ħsieb it-toroq tax-Xlendi.

Il-bankini ta' Triq il-Puniċi u Triq it-Torri tlestew. Sar *patching* bil-*concrete* fi Triq it-Torri/Triq il-Kantra.

Il-Ministeru għal Ghawdex waħħal *corner mirror* fi Triq ix-Xlendi quddiem daħla għal Triq il-Kappar. Waħħlu wkoll is-slielem tal-baħar. Ix-xogħol tal-*concrete* sabiex titranġa l-*platform* għandu jibda dalwaqt hekk kif it-temp jippermetti.

Fil-Munxar inbdiet iż-żebgħa tas-sinjali mal-art u saru *slow signs* fl-art fil-Pjazza tal-Knisja. Saret il-*loading/unloading* quddiem il-*Lighthouse Supermarket* u bdiet il-manutenzjoni tal-għamara tat-toroq u fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina. Ser jinqata' l-ħaxix tat-toroq. Twaħħal il-fanal fil-Pjazzetta ta' Triq San Xmun. Il-*corner mirror* ta' Triq Dun Spir Gauci trid tinqala' biex tkun tista' turi t-traffiku li jkun ġej mill-Pjazza tal-Knisja. Qabel isir dan, il-Kunsill irid jikkonsulta mas-sid ir-residenza li ser titwaħħal mera quddiem il-proprjetà tiegħu.

Qed isir suġġeriment li l-kurduna tal-bankini tax-Xlendi jinżebgħu griżi minflok bħalma sar fl-imgħoddi billi kienu jinżebgħu bojod. Sabiex jibqgħu bil-kulur griż aħjar jinbarxu bi *grinder* u jekk ma huwiex possibbli jerġgħu jinżebgħu bojod.

Saru tliet toqob tal-festa u twaħħal il-*frame* tat-tabella quddiem il-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.

**4.00 Rapport tas-Sindku.**

4.01 Is-Sindku qed tissuġġerixxi sabiex bħalma ġara s-sena l-oħra, fil-festa jitpoġġew qsari bil-fjuri quddiem iz-zuntier tal-Knisja.

4.02 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li issa wasal iż-żmien li jitranġaw iż-żewġ bokok tax-*shelter* tal-Pjazza tal-Knisja. Jekk il-Kunsill jaqbel inkunu nistgħu ngħidu lill-perit u niġbru stimi ta' kemm ser ikunu jiswew. Meta jkun approvat, il-Kunsill ikun jista' joħroġ it-*tender* u dan ix-xogħol jitħallas mill-fondi tal-UIF. Kien hemm qbil dwar dan.

4.03 Is-Sindku attendiet għal-laqgħa mal-Pulizija u ġie diskuss it-tindif tal-*boatyard* u l-karozzi abbandunati fix-Xlendi. Iltaqgħet ukoll mal-Inġinier Jeffrey Muscat dwar id-dawl tax-Xlendi.

4.04 Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mas-Sur Joe Attard Rappreżentant tal-Green MT dwar il-ftehim ma' Green MT dwar skart riċiklat.

Saret laqgħa wkoll mas-Sur Ivan Bartolo u Martin Mamo dwar *Shelter Employment Training.* Saret laqgħa wkoll ma' Rappreżentant ta' Wirt Għawdex u l-Perit Hermann Bonnici mill-*International Institute for Baroque Studies* fl-Università ta' Malta rigward ir-restawr tat-Torri tax-Xlendi. Il-Perit se jieħu ħsieb li japplika mal-Awtorità tal-Ippjanar. Il-Kunsill ser iħallas il-*planning fee* ta' €50.

4.05 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv attendew għal-laqgħa ma' membri tal-UIF rigward iż-żewġ proġetti li kien għad ma hemmx approvazzjoni. Il-proġetti huma *Embellishment of area with planters and benches at Ix-Xlendi Bay* u *Upgrading and Rehabilitation of a path at Ix-Xlendi Bay*. Fi tmiem il-laqgħa l-membri tal-UIF qablu li dawn iż-żewġ proġetti jiġu approvati u ser isiru l-kuntratti fil-ġranet li ġejjin.

**5.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta kwotazzjoni għall-d*og bins*. Bħal dawn id-*dog bins* ser isiru ħamsa fix-Xlendi mill-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi. Is-*supplier* huwa Forestals u jekk jiġu ordnati għaxra l-prezz huwa ta' €116 kull *bin*, bejn sitta u disa' *bins* il-prezz hu ta' €123 u ħames *bins* jew anqas il-prezz hu ta' €135. Peress li l-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi diġà ordna ħames *bins*, il-Kunsill ser jordna ħamsa oħra sabiex ikunu jistgħu jinxtraw bl-anqas prezz, jiġifieri, bil-€116.00.

5.02 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien għad jonqos 100 xkora *cold asphalt* sabiex il-*patching* fil-Munxar jitkompla. Għaldaqstant, ġie deċiż li jiġu ordnati 100 xkora *cold asphalt* mingħand Bitmac Ltd għall-prezz ta' €455.00.

5.03 Is-Segretarju Eżekuttiv xtaq iwassal ilment ta' resident fi Triq il-Munxar dwar binja ġdida li nbniet maġenb id-dar tiegħu u Ġnien Ragalna. Qed jilmenta li tħalla xi materjal fil-passaġġ u saret ħsara fil-proprjetà tiegħu. Ġie deċiż li dwar il-ħsara, is-sid irid iwassal l-ilment ma' min għamillu l-ħsara. Il-Kunsill se jinvestiga dwar il-materjal li tħalla fil-passaġġ.

5.04 Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-aħħar laqgħa fejn saret allegazzjoni mis-Sur Paul Curmi li s-Segretarju Eżekuttiv ta *recordings* tal-laqgħa lil terzi persuni. Huwa ċaħad li qatt ta jew semma' xi *recordings* u għaldaqstant talab lis-Sur Curmi li jew iġib il-provi dwar l-allegazzjoni jew jirtira l-allegazzjoni. Is-Sur Curmi se jipprova li jġib il-provi fil-laqgħa li jmiss u jekk le, huwa ser jitlob skuża.

**6.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

6.01 Is-Sur Paul Curmi staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-*patching* li sar fil-Pjazza tal-Knisja mill-Kuntrattur Sammy Spiteri. Is-Sindku rrispondietu li ma kienx hemm żviluppi.

Huwa ssuġġerixxa li f'tarf Triq il-Munxar issir tabella *cul-de-sac* għaliex il-vetturi qed jidħlu għan-naħa ta' fejn kien hemm l-*ex*-Andar Hotel minflok ma jibqgħu neżlin għall-Wied tax-Xlendi. Kien hemm qbil dwar dan.

Is-Sur Curmi ressaq ilment ta' sid ta' proprjetà fi Triq Ras il-Bajjada, Il-Munxar. Meta sar it-tarmak xi għaxar snin ilu, il-pendil tal-ilma tat-triq ma sarx kif kien qabel u rriżulta li ma baqax jidħol l-ilma tax-xita fil-bir. Din il-persuna qed titlob sabiex it-triq titranġa bħala rimedju għal din il-problema. Is-Sindku ser tavża lill-perit sabiex imur fuq il-post u jara is-sitwazzjoni.

Is-Sur Curmi ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill u anke wera ritratt mill-*mobile* tiegħu li fil-Pjazza tal-Knisja hemm *notice board* tal-MEPA fejn hemm imwaħħal avviż bid-data tas-sena 2013. Il-Kunsill kien ser jara dwar dan.

Is-Sur Paul Curmi informa lill-Kunsill li rċieva lment li mill-Wied tax-Xlendi qed jiġi l-bawżer tal-Kumpanija ELC u qed jippompja ħafna ilma f'daqqa bil-konsegwenza li l-ħażna tal-ilma titbattal u jkun irid jgħaddi ċertu ħin biex il-ħażna terga' timtela. Huwa ssuġġerixxa biex il-Kunsill jitlob kontribuzzjoni. Is-Sindku infurmatu li ħafna persuni minn madwar Għawdex jiġu jtellgħu l-ilma minn hemm u ma tista' twaqqaf lil ħadd. Il-Kumpanija ELC qed issaqqi l-fjuri li tħawlu fil-Munxar u li hu kopert fil-ħlas ta' kull xahar, iżda dan l-aħħar intalbet li ssaqqi postijiet oħra u li ma humiex koperti bi ħlas.

6.02 Is-Sinjorina Sonja Abela fakkret dwar it-talba sabiex passaġġ fi Triq Ras il-Bajjada jitnaddaf.

**7.00 Materji oħra.**

7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ta' kull sena fil-bidu tas-sajf, il-mogħdija li tibda minn tarf ta' Triq l-Isqawi sal-Wied tax-Xlendi titnaddaf b'gaffa sabiex tkun aċċessibbli għall-pubbliku bir-riġel. Staqsa jekk din is-sena hijiex ser issir l-istess. Kien hemm qbil dwar dan.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 2 ta' Ġunju 2016, fil-5.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| **Carmen Said** | **Anthony Grech** |
| ***Sindku.*** | ***Segretarju Eżekuttiv.*** |